

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-3 ta' Settembru 2015 – Hüttenwerke Krupp Mannesmann GmbH vs Hauptzollamt Duisburg

(Kawża C-465/15)

(2015/C 398/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hüttenwerke Krupp Mannesmann GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Duisburg

Domanda preliminari

It-tielet inċiż tal-Artikolu 2(4)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat, fir-rigward tal-proċess ta' sħana għolja għall-produzzjoni ta' metall mhux ipproċessat, fis-sens li l-kurrent li jdawwar il-fannijiet turbo għandu, huwa stess, jitqies li huwa kurrent użat prinċipalment għat-tnaqqis tal-kimika?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-7 ta' Settembru 2015 – Lufthansa Cargo AG vs Staatssecretaris van Infrastructuur en Milieu

(Kawża C-470/15)

(2015/C 398/22)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lufthansa Cargo AG

Konvenut: Staatssecretaris van Infrastructuur en Milieu

Domandi preliminari

- 1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1)(ċ)(ii) tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (ĠU 2007 L 134) għandha tiġi interpretata fis-sens li tagħti dritt suffiċjenti lit-trasportatur tal-ajru Komunitarju ta' Stat Membru A, għall-merkanzija mgħobbija f'pajjiż terz, li jħott din il-merkanzija fi Stat Membru ieħor B wara waqfa fl-Istati Uniti fejn il-merkanzija ma tkunx inħattet, mingħajr ma jkollhom jiġu applikati l-ftehimiet bilaterali bejn l-Istat Membru B u pajjiż terz?